MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2007

Numru 703/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Michael Mallia**
**V**

**JOHANN GIOVANNI ATTARD**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOHANN GIOVANNI ATTARD** ta' hamsa w ghoxrin sena bin Joseph u Anna Maria nee Grima, imwieled Pieta nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Marzu 1981 u residenti 78, 'Maria Stella', Triq il-Papa Urbau VIII, B'Kara, detentur tal-karta tal-identita numru 241581M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. talli fil-wiehed w ghoxrin ta' Lulju 2006, fl-inhawi ta' Paradise Bay, limiti tal-Mellieha, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn go vettura tal-ghamla Kia careens bin-numru ta' registrazzjoni ABK 384, liema serq

hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Lars Ryholl;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament gharraq, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema ammont tal-hsara ma jiskorrix l-hames mitt lira maltin izda jeccedi l-hamsin lira maltin.

3. talli fit-tnejn w ghoxrin ta' Lulju 2006, u fil-jum ta' qabel din d-data, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti kienu gejjin minn reat ta' serq ikkwalifikat bil-valur.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tlieta ta' Novembru 2006 (fol 71) sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din l-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita ta' Gudikatura Kriminali kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tas-sitta ta' Frar 2007 [fol 78].

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tas-sebgha ta' Novembru 2007.

Semghet wkoll lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2006 **xehed** quddiem il-Magistrat Inkwerenti, **Lars Ryholl** (fol 8) fejn qal li nhar il-gimgha kien mar l-Paradise Bay mal-mara u zewgt itfal tieghu flimkien ma xi hbieb ohra.  Qal li dakinhar kienu marru Ghawdex w ghalhekk kellhom hafna affarijiet fil-karozza li kienu jappartjenu lilhom.  Qal li kien ghal habta ta' nofsinhar meta nizlu Paradise Bay jghumu u l-hbieb

taghhom kellhom jiltaqghu maghhom aktar tard filghaxija. Qal li ghal habta tat-tmienja u nofs ta' filghaxija irritornaw lura lejn il-karozza taghhom li kienet tal-ghamla Kia li kienu krew minghand il-Wembley Garage, u meta resaq fejn kien halliha, induna li xi hadd kien kisser il-*windscreen* ta' wara tan-naha tal-lemin. Qal li l-karozza kienet *hatchback* w ghalhekk l-affarijiet kienu jidhru minn barra. Qal li fil-bagalji li nsterqu huwa kellu diversi hwejjeg, *digital camera*, arlogg u oggetti ohra. Qal li bejn wiehed w iehor sab nieqes b'madwar tlett elef u mitejn lira maltin. Ix-xhud esibixxa lista tal-oggetti kollha li sab neqsin mill-vettura li giet immarkata bhala dokument AL 1. Qal li hu cempel lil hbieb tieghu u qalilhom x'kien gralu u mar jirrapporta l-kaz lil pulizija tal-Qawra.

Rat il-verbal tal-Qorti tat-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2006 (fol 6) minn fejn jirrizulta li l-prosekuzzjoni esibiet borza kontenenti diversi oggetti misjuba fil-pussess tal-imputat nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Lulju 2006, waqt road block tal-pulizija ghal habta ta' nofs il-lejl.

Rat dak li gie verbalizzat mid-difiza li ma toggezzjonax li dawn l-oggetti jinghataw lura lil Lars Ryholl, u cioe lil allegat vittma f'dan il-kaz.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Awissu 2006 **xehed l-Ispettur Silvio Valletta** (fol 27) fejn esebixxa stqarrija li hija datata tnejn w ghoxrin ta' Lulju 2006 ta' l-imputat liema stqarrija giet immarkata bhala Dok SV, certifikat tat-twelid ta' l-istess imputat li gharaf prezenti fl-awla, li gie immarkat bhala Dok SV1, fedina penali ta' l-istess imputat li gie mmarkat bhala Dok SV2, sett ta' tlettax il-ritratt bil-kulur go envelope kannella li gew immarkati komplessivament bhala Dok SV3. Qal li dawn ir-ritratti jindikaw karozza tal-marka Peugeot 405 registration LAM 576 u diversi oggetti li nstabu f'din l-istess vettura. Spjega li dawn ir-ritratti gew mehuda bhala parti mill-*police work*.

Esebixxa wkoll ricevuta datata tnejn w ghoxrin ta' Lulju 2006, liema dokument gie mmarkat bhala Dok SV4 u zied jghid li din hija r-ricevuta nghatat li nghatat lill-imputat wara li gew elevati diversi oggetti minghandu.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Awissu 2006 **xehed PC 99 Mario Portelli** (fol 38) fejn qal li fil-wiehed w ghoxrin ta’ Lulju, hu kien *night duty* u cioe fil-*mobile squad*. Qal li ghall-habta ta’ nofs il-lejl, jigifieri kien qed jaqleb mill-wiehed w ghoxrin ghat-tnejn w ghoxrin ta’ Lulju, gie ordnat sabiex jaghmel *road blocks* il-Marsa. Qal li hu kien ma PC 282 Adrian McKay u kien hemm *unit* ohra maghmula minn PC 191 u xi hadd iehor. Qal li waqt li kienu ghadhom fit-triq sejrin lejn id-destinazzjoni taghhom, raw vettura Peugeot 405 bin-numru tar-registrazzjoni LAM 576 u raw li l-persuna li kienet qed issuq din il-vettura kienet persuna suspettuza ghaliex bdiet thares lejhom w tipprova tevithom. Waqqfu din il-vettura u kif staqsew lis-sewwieq fejn kien sejjer qalilhom li kien mar xtara x’jiekol u kien sejjer fid-direzzjoni ta’ Hal Kirkop. Qal li nfurmawh li kienu ser jaghmlu tfittxija fil-vettura u fis-*seat* ta’ wara kien hemm xkora u kien hemm xi oggetti fiha. Qal li f’din l-ixkora kien hemm diversi oggetti li huma msemmija fir-ricevuta esebita fl-atti mmarkata bhala Dok SV4.

Zied jghid li fuq il-post hu fil-fatt kien iffirma ricevuta li esebixxa presenzjalment bhala Dok SV 5 fejn hemm indikati l-oggetti li sabu f’din il-vettura dakinhar ghall-habta tal-kwarta ta’ filghodu. Qal li hu talab spjegazzjoni ta’ dawn l-oggetti u z-zewg persuni li kien hemm f’din il-karozza ppruvaw jghattu lil xulxin dwarha. Qal li meta stqasa lill-imputat li gharaf prezenti fl-awla, li kien ix-xufier dakinhar, dan qallu li l-oggetti in kwistjoni kien gabhom minn Bugibba.

Fil-fatt kompla jghid x-xhud, hu ikkomunika ma l-Ispettur Agius dakinhar u qallu biex jeleva l-oggetti kollha u jnizzel lill-imputat is-CID.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Awissu 2006 **xehed PC 1132 Steven Saydon** (fol 41) fejn qal li bejn il-lejl tal-wiehed w ghoxrin u tnejn w ghoxrin ta’ Lulju 2006 hu kien stazzjonat *mobile squad* flimkien ma PC 99 Portelli. Qal li hu kien ma PC 191 u PC 99 Portelli kien ma PC 282. Qal li kienu f’zewg vetturi u kienu gew ordnati sabiex jaghmlu *road block* il-Marsa. Fil-fatt zied jghid x-xhud, kienu qed

isegwu lil xulxin u huma u sejrin, innutaw li kien hemm vettura suspettuza tal-ghamla Peugeot 405 bin-numru tar-registrazzjoni LAM 576 li dehret suspettuza peress li s-sewwieq ta' din il-karozza kien qed ihares lejhom w huma ghalhekk iddecidew li jwaqqfu din il-karozza li kienet qed tigi misjuqa mill-imputat, li gharaf prezenti fl-awla u staqsewh fejn kien sejjer u hu qalilhom li kien ghadu kif mar jixtri xi haga x'jiekol u kien sejjer fid-direzzjoni ta' Hal Kirkop.

Qal li deherilhom li kellhom jaghmlu spezzjoni fil-karozza tieghu u hekk ghamlu u fuq is-*seat* ta' wara sabu xkora b'diversi oggetti fiha. Qal li l-oggetti li sabu fl-ixkora huma indikati fis-*seizure note* Dok SV5 datat tnejn w ghoxrin ta' Lulju 2006, fil-kwarta ta' filghodu. Zied jghid li fil-fatt tkellmu mal-imputat u staqsewh minn fejn kien gab dawk l-oggetti u l-imputat kien wiegeb li kien gabhom minn Bugibba. Sussegwentement eskortaw lill-imputat lejn is-CID u hu kien rikeb ma l-imputat fil-vettura tieghu misjuqa minnu.

Illi nhar d-disgha ta' Ottubru 2006 **xehed l-Ispettur Michael Mallia** (fol 49) fejn qal li fit-tnejn w ghoxrin ta' Lulju 2006 il-pulizija kienet rceviet rapport minghand persuna ta' nazzjonalita Daniza mwieled Bovling iben Peter u Margret nee Goth, detentur ta' passaport bin-numru 2001182408DLK li kellu residenza temporanja f'Malta numru 48 Triq Salvu Buhagiar Marsascala. Qal li dan fil-fatt kien rraporta li dakinhar kien qed jaghmel uzu minn vettura ta' l-ghamla Kia Claris bin-numru tar-registrazzjoni ABK 384 li kienet mikrija ghandu peress li hu kien qieghed bhala turist f'Malta u fil-frattemp kienet qeghda pparkjata dakinhar wara nofsinhar fl-inhawi ta' Paradise Bay il-Mellieha u ghall-habta tat-tmienja ta' bil-lejl kien skopra li xi hadd mhux maghruf kien sgassalu l-vettura u hadlu diversi oggetti minn go fiha.

Qal li fil-fatt skond ir-rapport tieghu kien kkonferma wkoll li fost l-oggetti li kellu fil-vettura, kellu diversi bicciet ta' hwejjeg li kienu kollha ta' ditti partikolari, kellu affarijiet ta' gojjellerija u kif ukoll xi *Hi-Fi equipment* li globalment kienu jammontaw ghal iktar minn tlett elef lira maltin. Qal li fil-

fatt kien gie mistoqsi ghaliex kellu dawn l-oggetti kollha fil-vettura tieghu u kien spjega li dakinhar huwa kien ghadu kif gie minn vaganza f'Ghawdex fejn kien ghamel xi zmien hemmhekk u waqt li kienu sejrin lura lejn id-dar, waqt li minn Ghawdex, gejjin Malta, waqfu Paradise Bay biex jaghmlu xi *barbeque* hemm hekk. Qal li fil-fatt l-affarijiet kienu ghadhom kollha gol-vettura.

Qal li sussegwentement dak il-lejl stess ghall-habta ta' nofs il-lejl waqt li PC 89, PC 282 Adrian McKay, 1132 u 191 Luke Bugeja kienu qed jaghmlu *road checks* hdejn il-Malta Ship Building, il-Marsa, waqqfu vettura ta' l-ghamla Peugeot 405 bin-numru tar-registrazzjoni LAM 976 li dehret suspettuza liema vettura dak il-hin kienet qed tigi misjuqa minn Johann Attard, l-imputat li gharaf fl-awla.

Qal li wara spezzjoni fuq l-imsemmija vettura misjuqa mill-imputat instabet borza b'xi affarijiet go fiha li wkoll dehru suspettuzi u sussegwentement kienu infurmawh u kien tahom ordni biex johduh id-depot bil-vettura b'kollox. Qal li dak il-hin l-imputat, kien ukoll akkumpanjat minn certu Plasio Buttigieg li hu fil-fatt kien kellem ukoll id-Depot fejn filwaqt li dan Plasio Buttigieg kien qallu li kien rikeb mieghu ftit hin qabel sabiex marru jixtru xi affarijiet ta' l-ikel, qallu wkoll li ma kien jaf b'xejn bl-oggetti li l-imputat Johann Attard kellu fil-vettura tieghu. Ix-xhud zied jghid li dan kien gie kkonfermat ukoll minn Johann Attard li Plasio Buttigieg ma kienx jaf x'inhuma u minn fejn gew dawn l-oggett suspettuzi u fil-fatt Plasio Buttigieg kien gie rilaxxjat mill-arrest.

Ix-xhud kompla jghid li l-investigazzjoni kompliet fil-konfront ta' l-imputat odjern fejn hu kien spjega li dawn l-oggetti kien <u>sabhom ghall-habta tat-tmienja jew d-disgha ta' bil-lejl dik il-gurnata ta' meta giet rrapurtata s-serqa stess</u>, bejn nofs siegha jew siegha wara li saret is-serqa minn Paradise Bay fejn qal li kien sabhom <u>hdejn Ta' Fra Ben fil-Qawra</u>.

Mistoqsi f'liema cirkostanzi kien sab dawn l-oggetti l-imputat kien qallu li kien waqaf hemm hekk, flimkien mat-tfajla tieghu, sabiex jaghmel l-awrina u qal li sab dawn l-

affarijiet fl-art. Fil-fatt, kompla jghid x-xhud, kien staqsa lil imputat jekk it-tfajla tieghu kientix taf b'dawn l-affarijiet, jekk setghax jikkonferma maghha jekk dak li kien qed jghid hu kienx minnu, pero kien qal li ma kienet taf b'xejn, ghax dak il-hin kienet bil-qeghda fil-karozza u ma kintix taf x'qed jaghmel.

Qal li kompla jistaqsi lil imputat xi mistoqsijiet ohra biex dahal iktar fid-dettall biex jara kif sabhom u ma sabhomx pero fi ftit kliem beda jhawwad kif jidher fl-istqarrija tieghu. Qal li sussegwentement l-imputat tressaq il-Qorti b'arrest fejn, fil-presentata ukoll kien xehed il-vittma li kkonferma li l-oggetti li kienu gew elevati mill-vettura li kienet registrata fuq l-istess imputat, kienu proprjeta tieghu. Qal li kienu gew kkonfermati li kienu tal-persuna li ghamlet ir-rapport u sussegwentement kienu gew anke ritornati lilu.

Illi nhar d-disgha ta' Ottubru 2006 **xehed PS 90 Jeffrey Gerada** (fol 53) fejn qal li fit-tnejn w ghoxrin ta' Lulju 2006 hu kien xhud ta' *statement* rilaxxjat mill-imputat prezenti fl-awla. Qal li qabel ma ttehditlu l-istqarrija, l-imputat nghata s-solitu twissija fuq liema stqarrija gharaf il-firma tieghu kif ukoll dik ta' l-Ispettur Michael Mallia fuq kull faccata taghha. Qal li hu kien tkellem wkoll ma PC 191 u PC 282 Adrian McKay tal-*mobile squad* u dawn kienu qalulu li dak il-lejl ghall-habta ta' nofs il-lejl jew il-kwarta kienu raw karozza suspettuza fl-inhawi tal-Qawra fejn il-Big Ben bin-numru tar-registrazzjoni LAM 976 u kien giehom suspett u kienu waqqfuh u ghamlu tfittxija fil-karozza tieghu fil-presenza ta' l-imputat u kienu instabu diversi oggetti, fosthom hwejjeg.

Illi nhar d-disgha ta' Ottubru 2006 **xehed PC 191 Luke Bugeja** (fol 55) fejn qal li hu kien xoghol ta' bil-lejl fit-tnejn w ghoxrin ta' Lulju 2006 u kienu ghaddejin minn Triq Garibaldi, Marsa u mieghu fil-karozza kien hemm PC 1132. Qal li kien il-lejl ta' bejn it-tnejn w ghoxrin w it-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2006. Ix-xhud spjega li harsu lejn l-imputat gewwa l-karozza u deherilhom li kien suspettuz w ghalhekk talbuh jieqaf u ghamlu tfittxija fil-karozza tieghu u fil-presenza tieghu sabu diversi oggetti, fosthom xi hwejjeg kif wkoll *digital camera*. Qal li meta staqsewh

minn fejn kien gabhom, l-imputat qalilhom li kien sabhom f’xi bajja Bugibba.

Illi nhar d-disgha ta’ Ottubru 2006 **xehed PC 282 Adrian McKay** (fol 57) fejn qal li kien xoghol ta’ bil-lejl fit-tnejn w ghoxrin ta’ Lulju 2006 u kien ta’ bil-lejl flimkien ma PC 89 meta kienu ghaddejin b’karozza mill-Marsa fi Triq Garibaldi u raw karozza suspettuza bin-numru tar-registrazzjoni LAM 976 li din hija Peugeot 405 ta’ kulur griza u fiha kien riekeb l-imputat prezenti fl-awla. Qal li dan kien ghall-habta tal-kwarta ta’ filghodu. Spjega li ghamlulu *search* fil-karozza fil-presenza tieghu u fil-presenza tieghu sabu diversi oggetti, fosthom xi hwejjeg kif wkoll *digital camera*. Qal li meta talbu lill-imputat jghid minn fejn kien gab dawn l-oggetti, dan kien stqarr maghhom li huwa kien sabhom f’xi bajja Bugibba.

Illi nhar d-disgha ta’ Ottubru 2006 **xehed Josef Gurgen** (fol 59) fejn qal li hu jahdem mal-kumpanija En Route Malta Drive. Qal li hu inkarigat mill-kiri tal-vetturi. Spjega li l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni ABK 384 tal-marka Kia Claris tappartjeni lil istess kumpanija En Route Malta Drive. Qal li l-proprjetarju hu Joseph Bonello u nhar il-wiehed w ghoxrin ta’ Lulju 206 din il-karozza kienet mikrija lil Lars Ryholl fil-Golden Bay. Qal li sid il-vettura huwa Jeremy Bonello ta’ 126, Wembley Court, Flat 8, Triq Sant’Antnin, San Gwann. Ix-xhud esibixxa rapport konness ma din il-vettura ghar-rigward l-hsarat li garrbet fil-lejl ta’ bejn l-wiehed w ghoxrin w t-tnejn w ghoxrin ta’ Lulju 2006 li jammontaw ghal mitejn u zewg liri u hamsin centezmu. Esibixxa wkoll fotokopji tal-istess danni, li gew immarkati bhala dokument ‘Z’.

Illi nhar d-disgha ta’ Ottubru 2006 **xehed Brian Farrugia** (fol 68) fejn qal li hu kien qed jixhed ghan-nom u rappresentanza tad-direttur ta’ l-ufficcju tal-licenzji. Qal li gie mitlub jaghmel ricerka fuq il-vettura ta’ l-ghamla Kia bin-numru tar-registrazzjoni ABK 384. Spjega li din il-vettura hija registrata f’isem En Route Malta Drive Limited ta’ 8, Wembley Court St. Anthony Street, San Gwann u ilha hekk registrata f’ismu mis-sebgha w ghoxrin ta’ Frar 2006.

Illi nhar l-hmistax ta’ Novembru 2006 **xehed PC 1253 Frederick Brincat** (fol 73) fejn wara li ra r-ritratti esebiti f’dawn l-atti, mmarkati bhala Dok SV 3, qal li dawn huma ritratti li ha hu tal-karozza Peugeot 405 LAM 976 fuq struzzjonijiet moghtija lilu mill-Ispettur Michael Mallia. Ikkonferma li dawk ir-ritratti gew mehuda minnu waqt li dik il-karozza kienet pparkjata fil-bitha tas-CID.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi principalment il-prosekuzzjoni akkuzat lil imputat bir-reat ta’ serq aggravat bil-mezz, stante il-hsara fil-vettura tal-ghamla Kia careens bin-numru ta’ registrazzjoni ABK 384, minn fejn ittiehdu l-oggetti proprjeta ta’ Lars Ryholl, bix-xorta tal-haga misruqa, stante li gew mehuda minn gewwa l-karozza u bil-hin stante li x’aktarx s-serqa saret wara nzul ix-xemx.

Illi l-prosekuzzjoni qed tibbaza din l-akkuza fuq t-teorija ta’pussess tal-oggett misruq fi zmien recenti.

Kif sostniet il-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-sentenza moghtija nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Marzu 1977*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Lawrence Camilleri**:

*"Il-pussess tal-haga misruqa fi zmien rcenti hu wiehed mill-indizji biex juri li l-possessur hu l-halliel fin-nuqqas ta' spjiegazzjoni li turi xort'ohra. La darba il-Prosekuzzjoni prima facie ggustifikat l-imputazzjoni - bil-prova tal-pussess - huwa obbligu tal-imptuat li jaghti spjiegazzjoni."* [vide **Il-Pulizija v Antonio Pace** - ***Appell Kriminali datat ghoxrin ta' Frar 1954***].

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Novembru 1953*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Polly Grech,** il-Qorti ghamlet referenza ghal ktieb ***Criminal Law*** ta' **Harris and Wilshire** u qalet li:

*"The possession of recently stolen property is safe evidence that the possessor is either the thief or guilty*

*receiver and if he fails to give any satisfactory explanation of his possession, the jury may convict him of stealing or receiving, according to circumstances."*

Illi l-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza moghtija nhar s-sitta w ghoxrin ta' Awissu 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Emanuel Seusun et**, irriteniet li:
*"It-teorija* [theory of unlawful possession of recently stolen goods] *ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-bon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw ppruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, jistghu wahedhom jwasslu ragjonevolment ghal konkluzzjoni li persuna partikolari tkun hatja ta' reat ta' serq ta' l-oggetti misjuba ghandha jew skond c-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawn l-oggetti."*

Dik il-Qorti ikkwotat mill-awtur Ingliz **Archbold** u qalet li:

*"If someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in infering that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are opt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief [a] if he offers no explanation to account for his possession, or [b] if the jury are satisfied that the explanation he does offer is untrue.* [vide wkoll **Il-Pulizija v Carmelo Debono *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ewwel ta' Novembru 1996***].

Issa f'dan il-kaz, jirrizulta li l-imputat nstab qed isuq vettura ghal habta ta' nofs il-lejl b'borza mimlija oggetti fuq s-*seat* ta' wara u dan waqt *road block* fil-Marsa.

L-imputat ma xhedx f'dawn il-proceduri pero a tempo vergine tal-investigazzjoni, mizmuma mill-pulizija jirrizulta li nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Lulju 2006, l-imputat irrilaxxja stqarrija.

Mistoqsi x'kien qed jaghmel dakinhar tat-tnejn w ghoxrin ta' Lulju 2006, l-imputat stqarr li ghal habta tat-tmienja w nofs jew d-disgha ta' filghaxija hu kien mar Bugibba mat-tfajla tieghu w ibnu z-zghir u f'xi hin nizel hdejn Ta' Fra Ben, biex jaghmel *toilet* u hemmhekk sab xi affarijiet.

Mistoqsi x'kienu l-oggetti li nstabu fil-vettura tieghu, l-imputat wiegeb li kienu camera tar-ritratti, xi hwejjeg u toys u kienu go borza izda jghid li sabhom hdejn Ta' Fra Ben aktar kmieni.

Mistoqsi jekk t-tfajla li kienet mieghu dak l-hin kienetx taf dwarhom, l-imputat wiegeb fin-negattiv, li ma kienetx taf.

Mistoqsi kif sabhom, l-imputat qal li kienu mxerrdin mal-art u hdejhom kien hemm basket abjad. Qal li sabhom fid-dlam anzi jghid, li x-xemx kienet nizlet sewwa.

Illi l-ispjegazzjoni li jaghti l-imputat ma hiex wahda konvincenti u cioe li ssib numru t'oggetti ta' valur imxerrdin mal-art, jigborhom u jpoggihom f'basket abjad u jqeghdhom fil-vettura tieghu u t-tfajla tieghu, li kienet mieghu, ma tinduna b'xejn.

Id-difiza sostniet fit-trattazzjoni taghha, li l-prosekuzzjoni m'irnexxilhiex tipprova li l-oggetti li nstabu ghand l-imputat bhala l-istess oggetti li gew mehuda mill-vittma, ghaliex fil-fehma taghha, a bazi ta' dan n-nuqqas, il-imputat m'ghandhux jinstab hati tal-akkuza ta' serq u lanqas tal-akkuza ta' ricettazzjoni ghaliex l-prosekuzzjoni, fil-fehma taghha, naqset li tipprova li dawk l-istess oggetti misjuba ghand l-imputat kienu gejjin minn xi attiva llegali.

Illi l-vittma xehed fil-jum tal-presentata fejn spjega kif dakinhar tat-tnejn w ghoxrin ta' Lulju 2006, meta kellu l-vettura mikrija ghandu ipparkjata l-Golden Bay, huwa safa vittma ta' serq w ittehdulu dawk l-oggetti kif ahjar deskritti

minnu fid-dokument minnu esibit a fol 10 markata bhala Dok. AC 1.

Illi dakinhar stess l-prosekuzzjoni esibiet l-borza bl-oggetti li nstabu fil-pussess tal-imputat ftit sigat wara li giet rappuratat din is-serqa. Illi dakinhar stess l-allegat vittma talab li jiehu lura l-oggetti li nsterquu cioe dawn l-istess oggetti deskritti fis-*siezure note*, w d-difiza m'oggezzjonatx ghal tali talba.

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li l-oggletti li rtira Lars Ryholl kienu l-istess oggetti li nsterqulu u li effettivament instabu fil-pussess tal-imputat ftit sighat wara. Illi fost l-oggetti li nstabu fil-pussess tal-imputat, kien hemm *digital camera* tal-marka Lumix Panasonic, diversi oggetti ta' hwejjeg u *toiletries*. Illi dan jirrizulta minn ezami tar-ritratti mehuda minn PC 1253 Fredrick Brincat waqt l-investigazzjoni mizmuma mill-pulilzija. Illi dan il-fatt ma giex kontestat mill-imputat u cioe li dawn l-effetti nstabu ghandu w ghalhekk kombaccjat mad-deskrizzjoni moghtija mill-vittma fid-Dok. AC 1 esibit fl-atti jirrizulta li whud mill-oggetti misruqa minghand Lars Ryholl instabu ghand l-imputat ftit wara u fin-nuqqas ta' spjegazzjoni sodisfacenti, il-Qorti ssibu hati tal-akkuza ta' serq kif aggravat bil-mezz, stante li ttiehdu fil-vettura tieghu u li rrizulta li kien hemm diversi hsarat kagun tas-serq, bil-valur, stante li l-oggetti misruqa ghandhom valur li jeccedi l-mitt lira maltin, kif del resto qal il-vittma u ma giex kontestat mid-difiza. Illi pero dwar l-aggravju tal-hin, dan ma jirrizultax ippruvat b'mod sodisfacenti ghaliex ma rrizultax fi x'hin l-imputat effettivament wettaq dan s-serq.

Illi l-prosekuzzjoni akkuzat lil imputat bir-reat ta' hsara voluntarja u dan ghaliex kien hemm hsara fil-vettura minn fejn insterqu l-oggetti li nstabu fil-pussess tal-imputat.

Il-Qorti qed tissottolinea li hemm inseparabilita guridika bejn r-reat ta' serq aggravat inter alia bil-mezz w ir-reat ta' hsara voluntarja, b'mod li ghandu jigi konsidrat li hemm reat wiehed u cioe dak l-aktar gravi.

Kif tajjeb gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hdax ta' Dicembru 1997***, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Richard Borg et**, din il-kwistjoni tirrizulta car anke mill-konors ta' pieni li jippreskrivu li meta reat ikun serva bhala mezz ghal kommissjoni ta' reat iehor, ghandha tinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi, basta li z-zewg reati ma jkunux flimkien jghamlu reat ikkwalifikat, u dan proprju ghaliex jekk il-fatt li jammonta ghal reat, ikun diga qieghed fil-kamp tal-konkors formali u mhux aktar f'dak tal-korkors materjali.

Naturalment, pero taghmel sew li l-prosekuzzjoni timputa l-hsara voluntarja separatament mis-serq ikkwalifikat f'kazijiet bhal dan in dezamina, ghaliex jekk ma tghamilx hekk w in segwitu jirrizulta bhala fatt jew li ma kienx hemm serq jew li t-tkissir ma kienx intiz mill-imputat, sabiex jiffacilita s-serq, il-prosekuzzjoni tkun tilfet l-opportunita li ghal inqas takkuza bir-reat ta' hsara voluntarja kontra l-proprjeta.

Illi ghalhekk, r-reat ta' danni voluntarji kontemplat fit-tieni akkuza, ghandu jservi biss bhala mezz ai fini w ghalhekk biss ai fini ta'ġpiena ghandu jigi kompriz w involut fl-ewwel akkuza ta' serq u dan ghaliex il-hsara riskontrata hija limitata biss ghal fatt li sar sgass fit-tieqa tal-vettura.

Illi l-imputat gie wkoll akkuzat bir-reat ta' ricettazzjoni, illi pero din l-akkuza nghatat b'mod alternattiv ghal akkuza ta' serq u stante li din il-Qorti qed issib lil imputat hati tal-akkuza ta' serq, qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-istess tielet akkuza.

Il-Qorti rat wkoll l-fedina penali tal-imputat esibita a fol 33 et seq tal-atti minn fejn jirrizulta li l-imputat, li ghandu tmienja w tletin sena, diga nstab hati ta' reat ta' serq f'zewg okkazzjonijiet, u reati naxxenti minn ksur tal-Ordinanza tat-Traffiku u dan f'hames okkazzjonijiet meta nghata kundanni ta' prigunerija, hlas ta' multi u probation, dan nonostante l-imputat rega' qieghed il-Qorti akkuzat bir-reati 'n kwistjoni.

Illi ghalhekk jidher li l-imputat ma tghallimx mill-izbalji tieghu tant li rega' kiser dufrejh mal-gustizzja.

Din il-Qorti ma tistax taghti l-impressjoni li min jikser il-ligi, mhux ser ipatti ghal ghemilu.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 278, 279, 280, 325, 334, u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib lil imputat JOHANN GIOVANNI ATTARD hati tal-akkuza ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa w ir-reat kompriz ta' hsara voluntarja u tikkundannah ghal perjodu ta' sena prigunerija filwaqt li tiddikjara li ma ssibux hati tal-aggravju ta' hin mill-liema aggravju tilliberah u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-akkuza ta' ricettazzjoni.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti jew esperti, il-Qorti tastjeni milli konjizzjoni ta' tali talba stante li ebda perit jew espert ma jirrizulta li gie nominat fil-mori tal-kumpilazzjoni.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------